Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2015
(OR. en)

13005/15
ADD 1

Fajls Interistituzzjonali:
2014/0258 (NLE)
2014/0259 (NLE)

SOC 583
EMPL 385
MIGR 49
JAI 751

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 6782/15 SOC 152 EMPL 78 MIGR 14 JAI 153 |
| Nru dok. Cion: | 13157/14 - COM(2014) 559 final + 13158/14 - COM(2014) 563 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali<br>Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali<br>- *Adozzjoni* |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż abbozz ta' dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-Minuti tal-Kunsill.

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

"Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa bis-sħiħ il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka għad għandha dubji dwar l-eżistenza ta' kompetenza esklużiva tal-UE fil-qasam kopert mill-Protokoll, b'mod partikolari billi titqies il-formulazzjoni tal-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 153(2) tat-TFUE (iż-żewġ dispożizzjonijiet jippermettu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jistabbilixxu regoli jew rekwiżiti minimi) kif ukoll l-Opinjoni 2/91 li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE kkonkludiet speċifikament fil-kuntest tal-ILO li d-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali mhumiex tali li jaffettwaw regoli adottati mill-UE, meta kemm il-ftehim kif ukoll il-leġislazzjoni tal-UE jistabbilixxu standards minimi."

**DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA**

"L-Irlanda tixtieq tissottolinja li hija tappoġġa bis-sħiħ il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

L-Irlanda tixtieq tagħmilha ċara madankollu li hija tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward tal-Artikoli 1 sa 4 tal-Protokoll rigward kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali tapplika biss għal oqsma li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-UE sa fejn il-Protokoll jista' jaffettwa r-regoli komuni tal-UE."

**DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT**

"Ir-Renju Unit jixtieq jiddokumenta l-appoġġ tiegħu għal dan il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, u jiddokumenta l-intenzjoni tiegħu li jirratifika l-Protokoll.

Ir-Renju Unit jixtieq jiddokumenta l-fehma tiegħu li m'hemm l-ebda kompetenza esterna esklużiva għall-Unjoni li tirriżulta mill-Protokoll fir-rigward tas-suġġett imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-*Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali*. Għaldaqstant, ma kien hemm ebda rekwiżit biex l-Istati Membri jiġu awtorizzati sa dan il-punt li jirratifikaw il-Protokoll fl-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri suppost kienu f'pożizzjoni li jikkunsidraw ir-ratifika tal-Protokoll huma stess.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit iqis li l-abbozz ta' *Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali*, li hija miżura proposta skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija soġġetta għall-Protokoll Nru 21 għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-Rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

Għaldaqstant, ir-Renju Unit ma jqisx li huwa awtomatikament marbut, kif issuġġerit mill-Premessa (9), li jipparteċipa fid-Deċiżjoni tal-Kunsill sempliċement minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fid-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità.

B'riżultat ta' dan, ir-Renju Unit mhux ser iħaddem id-dritt tiegħu skont il-Protokoll 21 għal inklużjoni fakultattiva għad-*Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.*"

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

"Ir-Repubblika ta' Malta tappoġġa bis-sħiħ il-kontenut tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u biħsiebha tirratifikah.

Ir-Repubbllika ta' Malta madankollu għandha tħassib legali u proċedurali serju b'dawn iż-żewġ proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Protokoll tal-ILO.

Ir-Repubbllika ta' Malta ma tqisx li teżisti kompetenza esklużiva tal-UE li tirriżulta mill-oqsma koperti mill-Protokoll, minħabba li ż-żewġ Artikoli 82(2) u 153(2) TFUE jippermettu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jistabbilixxu standards minimi u b'kont meħud tal-Opinjoni 2/91 li fiha l-Qorti kkonkludiet speċifikament fil-kuntest tal-ILO li d-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali mhumiex tali li jaffettwaw regoli adottati mill-UE, meta kemm il-ftehim u l-leġislazzjoni tal-UE jistabbilixxu standards minimi. Għalhekk dan iqajjem kwistjonijiet dwar il-ħtieġa u l-adegwatezza li jkollna d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill proposti. Barra minn hekk, ir-Repubbllika ta' Malta jiddispjaċiha wkoll minħabba n-nuqqas ta' analiżi dettaljata mill-Kummissjoni dwar id-distribuzzjoni ta' kompetenzi li tiġġustifika l-ħtieġa għal dawn id-deċiżjonijiet u n-nuqqas ta' ċarezza fit-test finali li jiddeskrivi sa liema punt jaslu l-kompetenzi li qed jiġu eżerċitati (esklużivi jew kondiviżi).

Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Malta għadha mhix konvinta minn kemm hu xieraq l-użu tal-Artikolu 218(6) TFUE bħala bażi legali proċedurali peress li l-Artikolu 218 (6) TFUE jispeċifika li l-Kunsill, "fuq proposta min-negozjatur," jista' jadotta deċiżjoni li tikkonkludi ftehim bejn l-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Meta negozjatur jiġi nnominat, dan għandu jsir b'deċiżjoni tal-Kunsill kif previst fit-tieni klawsola tas-sentenza tal-Artikolu 218 (3) TFUE. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Protokoll imsemmi hawn fuq, ma ngħata l-ebda mandat għan-negozjar u l-adozzjoni tal-Protokoll fil-103 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Għalhekk l-Artikolu 218 (6) TFUE huwa, l-iktar l-iktar, dubjuż bħala bażi legali proċedurali.

Minkejja t-tħassib legali msemmi hawn fuq, fid-dawl tal-importanza tal-Protokoll li Malta tappoġġa bis-sħiħ, ir-Repubblika ta' Malta ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar dawn id-Deċiżjonijiet."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA, LI FLIMKIEN MAGĦHA NGĦAQDU R-REPUBBLIKA ELLENIKA, L-UNGERIJA U R-RUMANIJA**

"Il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għall-dawk il-partijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Unjoni (1) f'konformità mal-Artikolu 153(1)(a) u (b) TFUE jew (2) f'konformità mal-Artikolu 82(2) TFUE. L-Artikolu 218(6) (a) (v) TFUE huwa msemmi bħala l-bażi legali proċedurali għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tissottolinja s-sinifikat legali u politiku tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Hija tappoġġa b'mod espliċitu l-għanijiet tal-istrumenti u r-ratifika tal-Protokoll mill-Istati Membri kollha wkoll fl-interess tal-Unjoni u tappella lill-Istati Membri biex jirratifikaw, u ser tibda l-proċess ta' ratifika fil-Ġermanja mill-aktar fis possibbli.

Madankollu, hemm opinjonijiet legali li jvarjaw dwar in-normi proċedurali sottostanti li għadhom ma setgħux jissolvew. Mill-perspettiva Ġermaniża l-Artikolu 218(6) TFUE li huwa użat bħala l-bażi proċedurali ma jikkwalifikax għal dan il-għan. Madankollu, minħabba s-sinifikat legali u politiku tal-Protokoll, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinsab lesta tapprova l-proposti mressqa u tinjora l-problemi proċedurali deskritti fil-kumment tagħha bil-miktub tat-23 ta' Ottubru 2014. Għalhekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tapprova din id-deċiżjoni minkejja l-opinjoni legali tagħha dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 218(6) TFUE.

Il-Gvern Federali jixtieq jieħu din l-opportunità biex jesplora, flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, modi vijabbli ta' rikonċiljazzjoni tal-interessi proċedurali tal-Istati Membri tal-UE bħala kostitwenti awtonomi tal-ILO minn naħa u tal-Unjoni Ewropea bħala l-gwardjan tal-*acquis communautaire*, min-naħa l-oħra."